MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Appell Civili Numru. 186/2012/1

**Seduta tad-29 ta' Lulju 2015**

**Appell Numru: 186/2012**

**BANK OF VALLETTA p.l.c. (C2833)**

**Vs**

**ADRIAN CARUANA (K.I. numru 199376(M))**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2013, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"**Il-Qorti,***

*Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Mejju 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut biex jirrestitwixxi u jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat elef u erbgha u tletin Ewro u erbghin centezmu (€9,034.40) flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mit-3 ta' Novembru 2006 sal-jum tal-pagament effettiv, liema somma ta' flus giet imhallsa lill-konvenut mill-attrici kontra cheque esteru datat 21 ta' Settembru 2006 u migbud minn A-Hutchinson (Floor & Supplies Limited) fuq Ulster Bank u li gie ritornat lis-socjeta' attrici bhala mhux imhallas u bir-rimarki "suspected fraud".*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.*

*Rat ir-risposta tal-konvenut Adrian Caruana li giet ipprezentata fis-26 ta' Gunju 2012 fejn fiha eccepixxa:*

*1. "Illi t-talbiet huma impronobbli stante illi huma milquta bil-perentorjeta tal-gudikat.*
*2. Illi t-talbiet attrici huma, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, preskriti bil-preskrizzjoni kwinkwenali li tolqot lis-skritturi privata u/jew kummercjali.*
*3. Illi t-talbiet attrici huma mproponibbli stante illi s-socjeta' attrici tilfet id-dritt ta' regress li qed tinvoka u dan tenur ta' dak li jipprovdu l-Artikoli 242 et seq tal-Kodici tal-Kummerc.*
*4. Illi t-talbiet attrici huma, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, huma eccessivi.*
*5. Illi t-talbiet attrici huma, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, infondati fil-fatt u fid-dritt."*

*Rat dak li gie rilevat mill-bank rikorrenti permezz tar-rikors taghha tal-31 ta' Awwissu 2012 u cioe' li kienet giet istitwita kawza ohra fl-istess ismijiet odjerni Rikors Numru 357/2007 u f'dik il-kawza l-konvenut kien ta eccezjoni li huwa qatt ma talab jew accetta li jkollu loan mal-bank attrici, liema eccezzjoni*

*preliminari kienet giet milqugha u ghalhekk it-talbiet attrici kienu gew michuda minghajr ma kien gie trattat u deciz il-mertu b'dan pero' li fl-istess sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta nhar it-3 ta' Novembru 2010, din il-Qorti kienet ipprovdiet illi "din id-decizjoni qed tinghata b'riserva siet quantinus gal kull dritt spettanti skond il-ligi lill-istess socjeta' attrici".*

*Rat illi l-bank attrici kienet appellat minn din is-sentenza u b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Appell Sede Inferjuri fl-istess ismijiet nhar is-7 ta' Frar 2012, l-Appell gie michud u s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti nhar it-3 ta' Novembru 2010 kienet giet ikkonfermata.*

*Illi l-bank attrici ghalhekk sostniet li gjaladarba l-mertu ta' din il-kawza baqa' ma giex trattat ma hemmx l-estremi tal-gudikat.*

*Illi fl-istess rikors taghha l-Bank attrici talbet li jkun hemm allegazzjoni ta' l-atti tar-Rikors Numru 357/2007 JAB fl-ismijiet premessi u dan sabiex il-provi hemm migbura ighamlu stat u prova f'din il-kawza.*

*Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta nhar l-4 ta' Settembru 2012 fejn t-talba tal-bank attrici ghall-allegazzjoni ta' l-atti giet milqugha (fol. 16).*

*Rat dak li gie verbalizzat mill-avukat difensur tal-konvenut nhar is-17 ta' Settembru 2012 u cioe' li huwa fisser l-ewwel eccezzjoni tieghu fis-sens li din ghandha tiftiehem li kien qed jecepixxi l-eccezzjoni tar-res judicata.*

*Rat ix-xhieda migbura fl-atti tar-rikors fl-ismijiet premessi numru 357/07 JAB.*

*Illi Martin Vella, Manager tal-Internal Audit Department, Investigations Section tal-Bank of Valletta, xehed permezz ta' affidavit ezebit fl-atti nhar il-21 ta' April 2008 u mmarkat bhala Dok BOV1. Huwa spjega illi fit-3 ta' Novembru 2006 il-konvenut kien mar fil-fergha taghhom ta' Bir id-Deheb b'cheque numru 548054 ghall-ammont ta' sitt elef lira Sterlina migbud minn A Hutchinson (Floor & Wall Supplies) Limited fuq Ulster Bank – Coleraine, liema cekk kien datat 21 ta' Settembru 2006 (vide Dok MV1). Ikkonferma li dan ic-cekk gie depozitat fil-kont tat-tfaddil tieghu numru 40015597746 u l-valur tac-cekk gie konvertit ghal Liri Maltin skont ir-rata tal-kambju ta' dik il-gurnata, u kien jammonta ghal Lm3,768.23 ekwivalenti ghal €8,777.61.*

*Spjega illi hija prattika tal-Bank attrici li c-cekkijiet migbudin fuq banek esteri jigu depositati fil-kont tal-klijenti u li l-valur ta' dawn ic-cekkijiet jigi mizmum ghal perjodu ta' tletin jum. Ghal dan id-depozitu l-konvenut inghata ricevuta li fiha hemm car li l-valur tac-cekk ha jkun ghad-disposizzjoni tieghu wara t-tletin jum. Fl-istess ricevuta pero' hemm ukoll miftiehem u miktub illi l-bank jaccetta illi "with recourse" u li f'kaz li ghal xi raguni xi cekk jigi ritornat lill-bank, il-bank jirriserva d-dritt li jiddebita l-kont tal-klijent u/jew anke jitlob ir-refuzjoni ta' kull somma ta' flus mghoddija lill-klijent kontra l-istess cekk. Qal dan ghaliex gieli jigri li l-bank attrici ikun gja ghamel ghad-disposizjoni payee tac-cekk u anke ivversa lilu somma ekwivalenti ghal valur tal-istess cekk u wara il-bank jigi nformat li l-imsemmi cekk ma jkunx gie msarraf mid-drawee bank.*

*Ikkonferma wkoll li hija prattika li c-cekkijiet migbudin fuq banek barranin jintbaghtu lil certi banek ta' barra (clearing banks) imqabbdin apposta mill-bank attrici sabiex il-bank attrici jiehu valur ta' dawn ic-cekkijiet. Abbazi ta' dan fis-6 ta' Novembru 2006 ic-cekk tal-konvenut flimkien ma' ohrajn intbaghtu lil Lloyds Bank London li huwa l-bank korrispondent tal-bank attrici gewwa Londra. Intqal li skont il-ftehim tal-bank attrici mal-Lloyds Bank, il-valur tac-cekkijiet li jkunu gew mibghutin lilu jigi kkonfermat permezz ta' messagg elettroniku (MT950) fuq is-sistema **SWIFT** bejn il-banek. Il-valur jigi immedjatament ikkreditat f'kont li l-bank attrici jkollu ma' dan il-bank.*

*Wara l-Lloyds Bank suppost li jikklirja c-cekkijiet mal-banek rispettivi u cioe' mad-drawee bank f'dan il-kaz l-Ulster Bank gja msemmi u dan ghan-nom tal-istess bank attrici. Spjega wkoll li fil-ftehim mal-Loyds hemm miftihem illi ghal kwalunkwe cekk li jigi disonerat il-Lloyds Bank jirriserva d-dritt li jiddebita l-kont tal-bank attrici.*

*F'dan il-kaz fit-22 ta' Dicembru 2006 il-Loyds Bank baghat* **SWIFT** *(messagg elettroniku) sabiex jinforma lill-bank attrici li c-cekk fuq imsemmi illi kien ircieva mar "remittance" tas-6 ta' Novembru 2006 kien se jintbaghat lura (Dok MV3). Il-Lloyds Bank gharaf lill-bank attrici li r-raguni li dan ic-cekk kien ser jintbaghat lura kienet ta' "suspected fraud" fl-istess messagg il-Lloyds bank talab awtorita' lill-bank attrici sabiex ikun jista' jiddebita l-kont tal-bank attrici mal-Lloyds Bank. Spjega f'aktar dettall li ghalhekk l-ammont ta' Lm3,878.47 (ekwivalenti ta' £6,000 bir-rata ta' dakinhar) kien ghalhekk dovut mill-konvenut lill-bank attrici, gjaladarba c-cekk in kwistjoni gie dizonorat minn Ulster Bank u mibghut lura minn Lloyds Bank. Kien ukoll infurmat l-audit department minhabba li kien hemm suspett ta' frodi. Permezz ta' ittra tat-3 ta' Jannar 2007 il-Loyds bank kien informa lill-bank attrici li ddebita l-kont taghha bil-valur ta' cekk u cioe' b'sitt elef liri Sterlini (vide Dok. MV4).*

*Fil-frattemp peress kif gja ntqal il-bank attrici wara tletin jum mill-prezentata tal-istess cekk jaghmel is-somma flus ekwivalenti ghal valur tal-istess cekk disponibbli ghall-payee, il-bank attrici ghamel dan rigward tal-konvenut b'effett mit-3 ta' Dicembru 2006 u kien proprju ghalhekk li s-Sur Caruana gibed mis-somma ta' flus maghmula ghad-disposizzjoni tieghu billi gibed Lm 2,550.16 fit-12 ta' Dicembru 2006 (Dok MV5) u Lm40 fit-28 ta' Dicembru 2006 (Dok MV6).*

*Spjega li xi ftit granet wara li l-bank sar jaf bil-permess u cioe' lejn l-ahhar ta' Dicembru 2006 Victoria Cassar mill-fergha ta' Bir id-Deheb kellmet verbalment lill-konvenut fuq dan l-incident u gharfitu li s-somma ta' Lm3,878.47 kienet dovuta minnu lill-bank. Jinghad li sa dak l-istadju l-konvenut kien lahaq gibed s-somma komplessiva ta' Lm2,590.16 u ghalhekk kien ghad*

*fadal fil-kont biss Lm1,181.54. Dan il-bilanc ta' Lm 1,181.54 gie blokkjat u l-konvenut gie mitlub jirrifondi lill-bank s-somma ta' Lm3,878.47.*

*Saru diversi attentati mill-fergha ta' Bir id-Deheb sabiex il-konvenut ihallas lura lill-bank is-somma flus li lahaq gibed pero' bla ebda rizultat. Sahansitra nhasset ukoll il-htiega li jintbaghtu ittri bil-posta sabiex il-konvenut jirranga l-posizzjoni tieghu mal-bank. Spjega ahjar u qal li fl-ittra datata 4 ta' Jannar 2007 il-bank kien gharraf lis-Sur Caruana illi l-fatt li l-bank kien pogga l-flus ghad-disposizzjoni tieghu ma kienx ifisser li c-cekk kien validu. Minhabba li l-bank ma ha ebda risposta ghal din l-ittra, l-bank permezz tal-ufficcju legali tieghu baghat ittra ohra fil-25 ta' Jannar 2007 bil-ghan li tingabar is-somma li ghadha pendenti fil-kotba tal-bank sal-lum.*

**Victoria Cassar** *xehdet ukoll permezz ta' affidavit li gie mahluf fil-11 ta' Gunju 2008 u pprezentat fis-16 ta' Gunju 2008. Spjegat li hija tokkupa l-kariga ta' Branch Manager fil-fergha tal-bank attrici ta' Bir id-Deheb. Ikkonfermat illi fit-3 ta' Novembru 2006 il-konvenut kien mar fil-fergha tal-bank taghha u pprezenta cekk numru 548054 l-ammont ta' £6,000 migbud minn A. Hutchinson C. Floor Wall Supplies Limited. Qalet li dan ic-cekk gie depozitat fil-kont kurrenti tal-konvenut u kien gie mblokkat f'dik l-istess somma ekwivalenti f'liri Maltin ghal perjodu ta' tletin jum skont ir-regolamenti tal-bank.*

*Fid-29 ta' Dicembru 2006 il-bank attrici rceviet telex minghand il-bank barrani fejn infurmawha li kienu ser jibghatu lura c-cekk numru 548054 pagabbli lill-konvenut bir-rimarki "suspected fraud". Ikkonfermat li l-konvenut gie mitlub permezz ta' telefonata sabiex jirritorna l-flus tac-cekk izda rrifjuta li jaghmel dan ghaliex stqarr li ma kellux flus bizzejjed u qal illi huwa ma kienx jaf min kien dak il-persuna li tah ic-cekk peress illi kien bieghlu mutur fuq l-Ebay. Qalet li huma kienu offrewlu li jtuh loan pero' l-konvenut xtaq jahsibha. Spjegat illi wara xi jumejn kienu ghamlu kuntatt mieghu u l-konvenut qalilhom illi ma kellhomx dritt ghall-flus. Qalet ukoll illi aktar tard il-konvenut gie nfurmat formalment bil-kitba dwar bilanc li kellu fil-kont liema bilanc kien gie mblokkat u sussegwentement infethet il-kawza odjerna.*

*Il-Qorti rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici pprezentata fit-23 ta' April 2009 fl-atti tar-rikors fl-ismijiet premessi numru 357/07 JAB.*

*Rat ukoll ix-xhieda tal-konvenut* **Adrian Caruana** *moghtija fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2009 fl-atti tar-rikors 357/07 JAB fl-ismijiet premessi. Huwa tenna li dwar il-kaz in ezami kien hemm korrispondenza permezz tal-internet mad-ditta barranija li taghmel madum tal-art. Huwa jokkupa l-kariga ta' quality technician. Il-kumpanija barranija riedet tottjeni c-certifikat maghruf bhala ISO 9000 u huwa kien qed jghinha tottjeni dan ic-certifikat permezz ta' din il-korrispondenza. Huwa kien ftiehem mal-kumpanija barranija minn qabel fuq hlas. Apparentament dan ic-certifikat gie ottenut mid-ditta barranija u ghalhekk kienu kuntenti bix-xoghol tieghu. Il-pagament sar skond kif miftiehem permezz ta' cekk li huwa c-cekk in kwistjoni. Huwa rcieva dan ic-cekk, fil-fatt saritlu referenza ghall-fotokopja tac-cekk in kwistjoni li hu mmarkat Dok MV 1 a fol. 25 tal-atti tar-rikors numru 357/07 JAB. Huwa ddikjara li ma kellu <u>ebda</u> korrispondenza mal-firmatarju ta' dan ic-cekk. Fil-fatt huwa kien jikkorrispondi ma' certu Matrix Lee.*

*Il-konvenut kien mar bic-cekk fil-fergha ta' Bir id-Deheb tal-Bank of Valletta u gie nfurmat li ma setax jigbor il-flus mill-ewwel peress li kien cekk barrani. Kellu bzonn il-clearance ta' <u>tletin jum</u> (sottolienear ta' din il-Qorti). Huwa fetah kont proprju ghal dan ic-cekk u l-valur tieghu li kien ta' sitt elef liri sterlini. Kif ghaddew it-tletin gurnata u xi ghaxart ijiem ohra huwa mar fl-istess fergha tal-bank. Qabel mar huwa kien cempel f'dik il-fergha biex jara li l-flus kienu disponibbli u <u>wiegbuh fil-pozittiv fejn qalulu li l-flus huma tieghu</u> (sottolinear ta' din il-Qorti). Huwa jiftakar li mar u gibed madwar zewg terzi ta' l-ammont u halla madwar elf lira Maltin fil-kont. Kif ghaddew hamest ijiem rega' rcieva telefonata mill-istess fergha ta' Bir id-Deheb u qalulu li xtaqu l-flus lura li gibed peress li kien hemm suspett ta' frodi. Huma qatt ma qalulu fid-dettall xi jfissru l-kliem "suspected fraud". Huwa dejjem emfasizza mal-bank li hu kien ghamel ix-xoghol mad-ditta barranija u kellu jithallas ta' dak ix-xoghol.*

*Meta l-konvenut ircieva l-ewwel telefonata mill-bank, il-flus li kien ghad fadallu fil-kont kienu gew iffrizati u ghalhekk ma setghax jigborhom. Sa dak iz-zmien ma kienx sar sekwestru mill-Qorti. Eventwalment fit-12 ta' Gunju u fis-16 ta' Mejju 2007 kien ircieva mill-bank zewg sanction letters. Hawn hu gie nfurmat li ser jiehu loan ghal dan l-ammont inkluz l-imghaxijiet.*

*Il-konvenut esebixxa l-original ta' dawn is-sanction letters li rcieva minghand il-bank. Huwa ddikjara li qatt ma ffirma xejn u ghalhekk jimmagina li l-firma fuq dawn l-ittri hija tal-manager tal-bank. Il-konvenut sostna li huwa qatt ma applika ghal loan mal-bank. Huwa ddikjara li qed jigi mfittex ghal loan li qatt ma ha u in oltre qed jitolbu l-ammont kollu li kien iddepozita fil-kont inkluz il-bilanc li kien ghad fadal fl-istess kont.*

*In kontro-ezami l-konvenut gie mitlub jghid x'servizzi kien ta lid-ditta jew persuna barranija li semma. Huwa spjega li sabiex tottjeni c-certifikat ISO 9000 hemm xi dokumenti li jridu jigu ottenuti. Dawn id-dokumenti jsiru mill-istess kumpanija u hu mportanti li timxi maghhom sabiex tottjeni c-certifikat. Huwa kien qal lid-ditta barranija illi biex tottjeni dan ic-certifikat riedet taghmel sistema ta' dokumentazzjoni biex imbaghad tottempera ruhha maghha. Huwa kien sempliciment konsulent biex jghinhom f'din id-dokumentazzjoni. Il-konvenut kien jikkomunika maghhom permezz ta' emails. Din kienet l-unika darba li ghamel xoghol bhal dan u stqarr illi ma zammx kopja tal-emails peress li kien thallas. Rigward ic-cekk huwa spjega li dan gie minghajr covering letter, gie wahdu f'envelopp.*

*Il-konvenut tenna li huwa ghamel zmien jahdem mad-ditta lokali Methode Electronics u prezentament qed jahdem mad-ditta Dold Industrial Automation. Huwa stqarr illi hemm hafna websites relatati ma' dan it-tip ta' xoghol ta' kwalita' u certifikazzjoni u fil-fatt ikun hemm sharing ta' nformazzjoni ma' ditti ohrajn. Huwa kien sab reklam fuq wahda minn dawn il-websites li xtaqu konsulenza sabiex jottjenu dan ic-certifikat. Il-kumpanija li ghamlet dan ir-reklam hija dik imnizzla fuq ic-cekk cioe' Hutchinson Floor and Wall Supplies Ltd. Huwa kellu numru tat-telefon tal-istess ditta pero' meta' jcempel fuqu ma jirrispondi hadd.*

*Il-konvenut gie muri d-dokumenti MV 1 u MV 2 a fol 25 u 26 u kkonferma dawn id-dokumenti u qal li fuq wara tac-cekk u fuq id-deposit slip hemm il-firma tieghu. Huwa sostna li hadd mill-bank ma nfurmah li jekk dan ic-cekk ma jkunx onorat huwa jkun irid jirritorna lura l-flus li jkun ircieva. Huwa stqarr illi ma kienx innota meta ffirma l-kliem li hemm ezattament vicin il-firma tieghu f'Dok MV 2. Hadd ma kien gibidlu l-attenzjoni fuqhom. Huwa kien ghamel zewg withdrawals u l-ahhar wiehed xi erbghin lira. Huwa ma jafx ghalfejn hemm imnizzel suspected fraud u meta staqsa lill-bank ma tahx spjegazzjoni. Huwa wara l-ewwel telefonata li rcieva qatt ma kellu diskursata wicc imb'wicc ma' xi hadd mill-bank.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut prezentata fl-atti tar-rikors numru 357/07 JAB nhar it-3 ta' Marzu 2010.*

*Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet premessi.*

*Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet premessi nhar is-7 ta' Frar 2012.*

*Rat illi b'digriet tas-Sinjura Tieghu l-President tal-Qorti Dr Silvio Camilleri tal-5 ta' Novembru 2012 il-kawza li kienet pendenti quddiem il-Magistrat Dr Joseph A. Apap Bologna giet assenjata biex tinstema' mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera u proprju nhar l-10 ta' Dicembru 2012 appuntat din l-istess kawza ghas-smiegh ghal nhar is-16 ta' Jannar 2013.*

*Rat il-verbal tal-20 ta' Marzu 2013 fejn Dr. Montaldo ddikjara li l-preskrizzjoni applikabbli f'dan il-kaz huwa dak taht l-**Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Rat il-verbal tat-8 ta' Mejju 2013 fejn Dr Dominic Cassar ghall-bank attrici nforma lill-Qorti li huwa ftiehem ma' Dr Roberto Montalto illi l-partijiet qed jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-bank attriciipprezentata fis-17 ta' Gunju 2013 u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-28 ta' Awwissu 2013.*

***Ikkunsidrat:***

*Illi l-iter tal-fatti relatati mal-kawza odjerna u li jirrizultaw mill-atti processwali huma is-segwenti:*

*1. Illi nhar it-3 ta' Novembru 2006 l-konvenut kien ipprezenta lill-bank cekk bin-numru 548054 ghall-ammont ta' sitt elef Lira sterlina (£6,000) migbud minn A Hitchinson (Floor & Wall Supplies) Limited fuq Ultser Bank, liema cekk kien datat 21 ta' Settembru 2006 (Dok MV1 esebit fl-atti a fol. 25 tar-Rikors Numru 357/07 JAB).*
*2. Dan ic-cekk li gie depozitat fil-kont bankarju ta' tfaddil tal-konvenut numru 40015597746 bil-kunsens tieghu stess u konvertit ghal liri Maltin u cioe' ghas-somma ta' LM3,768.23 bil-kundizzjoni li jistghu isiru addebitamenti minnu wara li jghaddu tletin jum li fih il-Bank ikun jista' jaghmel il-verifiki mal-bank esteru.*
*3. Jirizulta li l-konvenut kien iffirma ghal dan id-deposit skond id-dokument mmarkat Dok MV 2 esebit fl-atti mal-affidavit ta' Martin Vella u cioe' sar taht il-kundizzjoni espressa kif hawn deskritta:*

*"customers are advised that cheques/drafts are accepted with recourse. The bank reserves the right at the discretion to postpone availability of fund pending final payment of uncleared effects which have been credited to the account and to claim refund or debit account (without loss of exchange where applicable) in the event of non payment or loss in transit of the cheques/drafts accepted. For*

*cash withdrawals, customer's signature appearing hereon signifies authority to debit the relative account and receipt of cheque"*

*4. Tramite il-Lloyds Bank li huwa l-korrespondent tal-bank attrici, nhar it-3 ta' Jannar 2007 il-Bank attrici giet infurmata illi ic-cheque fuq imsemmi kien qieghed jintbaghat lura bir-rimarki 'suspected fraud' (Dok MV 4 fol 28 tar-rikros numru 357/07 JAB).*

*5. Jinghad li peress li kienu gja ghaddew tletin (30) jum mill-prezentata tac-cheque il-Bank attici ghamlet parti mis-somma ta' flus ekwivalenti ghall-valur ta' l-istess cheque disponibbli ghall-konvenut u l-konvenut nhar it-12 ta' Dicembru 2006 gibed mis-somma flus gja depozitati fil-kont tieghu is-somma ta' Lm2,550.16 (Dok MV 5) f'zewg withdrawals u somma ohra f'data sussegwenti fl-ammont ta' Lm 40 u dan nhar it-28 ta' Dicembru 2006 (Dok MV 6). B'kollox kien gibed is-somma ta' LM 2,590.16 mis-somma inizjalment depositata fl-ammont ta' Lm3,768.23 .*

*6. Illi una volta il-Bank attrici kellha ic-cheque mibghut lura lilha bil-kliem 'suspected faud' hija talbet lill-konvenut sabiex jirrifondilha din is-somma hekk irtirata minnu u dan fil-fehma tal-Bank skond il-ftehim li kellu mieghu naxxenti mid-dokument MV2.*

*7. Illi l-konvenut irrifjuta li jhallas lura din is-somma flus gja irtirata minnu u ghalhekk nhar it-30 ta' Awwissu 2007 il-Bank attrici kienet ipprezentat ittra ufficcjali kontra l-konvenut.*

*8. Minkejja din it-talba ufficcjali, il-konvenut baqa' ma hallasx u kien ghalhekk li l-Bank attrici ipprezentat il-kawza odjerna nhar it-28 ta' Mejju 2012.*

***Ikkunsidrat ulterjorment:***

*Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk fid-dawl tal-provi prodotti ghandhomx jigu milqugha l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut.*

*In linea preliminari l-konvenut eccepixxa l-perentorjeta' ta' l-azzjoni tal-Bank attrici fejn huwa fisser li kien qed jecepixxi il-gudikat komunement maghruf bhala l-eccezzjoni tar-res judicata.*

*Illi fis-sentenza* ***"Anthony Borg et v. Anthony FrancisWilloughby et"*** *(P.A. - 28 ta' Marzu, 2003) ingħad illi:*

*"Eċċezzjoni bħal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt iżda hija waħda ta' natura prettament ġuridika. Huwa importanti pero, u għandu jinżamm dejjem in mira, illi l-prinċipji legali involuti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond talġurisprudenza stabbilita in materja iżda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-każ taħt diskussjoni u tal-portata tas-sentenza preċedenti..."*

*Illi ingħad ukoll, u l-ġurisprudenza tgħallem illi tajjeb li qabel kull kunsiderazzjoni oħra tiġi ribadita l-enunċjazzjoni kaptata mid-deċiżjoni fl-ismijiet* ***"Francesco Aquilina v. Neg. Giuseppe Gasan et"*** *(A.K. - 5 ta' Novembru, 1934 u dana fis-sens illi l-"exceptio rei judicatae" għandha bħala fundament il-fatt ta' l-interess pubbliku, u wkoll għaliex "interest rei pubblicae ut sit finis litiu". Sentenza illi għaddiet in ġudikat, jiġifieri ma tistax tappella minnha iżjed, hija miżmuma tajba u sewwa u tal-ħaqq – "res judicata pro veritate habetur" – jiġifieri l-fundament ta' l- "actio" u ta' l-"exceptio judicat" hija preskrizzjoni legali u għalhekk hija ta' "strictissimae interpretationis".*

*Illi mbagħad fis-sentenza fl-ismijiet* ***"Charles Cortis v.Francis X. Aquilina et"*** *(P.A. - 25 ta' Settembru, 2003), ġie riaffermat illi:*

*"Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex dan iseħħ. Dawn l-elementi huma l-istess oġġett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem kawża petendi). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (nisi omnia concurrunt, alia res est)."*

*Illi ma hemmx dubju li l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares ic-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definit f'sentenza, li tbiegħed il-possibilità ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilità ta' kwistjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat. Minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tkun ta' interpretazzjoni stretta, tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni (**"Francesco Aquilina v. Neg. Giuseppe Gasan et"** A.K. - 5 ta' Novembru, 1934).*

*Illi min-naħa l-oħra dan il-prinċipju huwa bilanċjat b'dak ieħor daqstant importanti li, fejn kwistjoni li tkun ġiet definita u trattata, is-sentenza issir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfemata; jew jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien illi tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka dik is-sentenza.*

*Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwistjoni li dwarha tinfetaħ it-tieni kawża jkun diġà jeżisti filwaqt illi tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża. Illi għalhekk isegwi li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat ma' l-eżistenza ta' sentenza; il-kwistjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha (fil-kliem strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintagħmlu u li jwasslu għal dik is-sentenza; fuq dan il-punt ingħad diversi drabi li l-ġudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi ta' l-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-motivi tal-causa petendi fit-tieni provvediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat.*

*Illi wkoll fis-sentenza suċċitata **"Anthony Borg et v. Anthony Francis Willoughby et"** (P.A. (PS) - 28 ta' Marzu, 2003, ingħad illi sakemm ma jkun hemm ebda deċiżjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx ġiet prekluża minn ebda deċizjoni definittiva mogħtija mill-ġudizzju, l-*

*istess kwistjoni tibqa' mhux deċiża, u ma jistax mill-parti l-oħra jingħad li għad-deċiżjoni josta l-ġudikat. Dan ifisser li l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tiġi ammessa b'ċirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eċċezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bħal meta si tratta minn inċident proċesswali li jqum fil-kors tal-ġudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjaħ il-ġudikat, hemm bżonn li l-kwistjoni tkun ġiet "effettivament" deċiża bis-sentenza ta' qabel, u mhux biss li setgħet tiġi deċiża.*

*Illi għal dak illi jirrigwarda l-element ta' l-"eadem res" ingħad illi din "tinkorpora li l-oġġett mitlub fit-talba l-ġdida hu identiku għat-talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza li għaddiet in ġudikat." (**"<u>Rabat Construction Limited vs Cutajar Construction Limited</u>"** – P.A. (RCP) – 9 ta' Jannar 2002).*

*Illi l-bażi ta' dan ir-rekwiżit hija fis-sens illi sentenza li tikkostitwixxi ġudikat ma tistax timpedixxi talba ġdida milli tiġi proposta quddiem il-Qorti, jekk dik hi ntiża sabiex tottjeni xi ħaġa differenti għal dak li kien ipprova jitlob b'talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza. Minn dan isegwi illi anke jekk l-oġġett ta' talba ġdida hu simili għal ta' deċiżjoni preċedenti, din is-similarità mhix ostaklu għal talba ġdida għaliex l-effetti ta' sentenza li tkun għaddiet in ġudikat huma limitati għal dak li kienu issottomettew il-partijiet u għal dak li jkunu ddeċidew il-Qrati.*

*Illi għar-rigward tar-rekwiżit ta' l-eadem causa petendi din il-kondizzjoni tirrikjedi li "the cause of the claim" kontenuta fit-talba l-ġdida, tkun l-istess bħat-talba preċedenti u li ġiet deċiża minn sentenza li għaddiet in ġudikat. Il-**Professur Caruana Galizia** f'**"Notes on Civil Law"** jispjega illi l-"causa petendi" hija "the title on which the demand is based". Illi għalhekk din hija t-titlu, ċjoè, il-fatt ġuridiku li fuqu d-dritt pretiż hu bbażat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l- "eadem causa petendi" tirnexxi, irid jiġi ppruvat li l-kawżali kontenuta fit-talba l-ġdida hi fondata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti, li ġiet determinata b'sentenza li għaddiet in ġudikat.*

*Illi dwar l-element l-ieħor ta' l-"eadem personae" fis-sentenza fl-ismijiet **"Innocenza Debattista et v.Giovanna Farrugia"** (P.A. - 13 ta' Frar, 1958 - Vol. XLII. Pt II. P. 917), il-Qorti qalet illi biex ikun hemm ġudikat, jeħtieġ li s-sentenza ta' qabel kienet ġiet maqtugħa f'kawża bejn l-istess persuni. Illi dan però ma jfissirx illi l-promoturi ta' l-istess proċedura setgħu jipproponu mill-ġdid kawża identika bl-inseriment ta' persuna tagħhom li ma kienitx verament neċessarja mill-aspett legali.*

*Illi applikati dawn il-prinċipji u enunċjazzjonijiet għall-fatti spjeċe tal-każ odjern, l-esponenti jirrileva s-segwenti:*

*Illi dwar l-ewwel element u cioe' - eadem personam – minn ezami tal-okkju tar-Rikors Numru 357/2007 u dak odjern Rikors Numru 186/2012 jidher li l-partijiet huma l-istess u ghalhekk dan l-element jirrizulta bic-car u bla ebda ekwivoku. Dwar it-tieni element fuq deskritt u cioe' l-eadem res – u cioe' l-istess talba (identica fattispecie) - dak li qieghed jintalab f'din il-kawza huwa li l-bank attur qed jitlob lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi s-somma ta' €9,034.40 liema somma tirraprezenta somma flus li giet imhallsa lill-konvenut mill-bank attrici ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur. Waqt li fil-kawza rikors numru 357/07 JAB li giet deciza finalment nhar is-7 ta' Frar 2012, din kienet sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' €9,614.88 rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-'loan account' li l-konvenut kellu mal-bank attrici. Illi ghalhekk m'hemmx dubbju illi t-talba u l-ammont m'humiex l-istess u ghalhekk dan it-tieni element zgur illi ma jirrizultax. Dwar it-tielet element u cioe' l- eadem causa petendi – jinghad minn ezami tal-atti li fil-kawza odjerna ma hemmx l-istess kawzali jew raguni tat-talba - ghaliex qieghda titressaq l-azzjoni. Dan ghaliex filwaqt li fl-ewwel kawza gja deciza nhar is-7 ta' Frar 2012 ir-raguni tat-talba attrici kienet li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas somma ta' flus ta' loan account li huwa kellu mal-BOV (din it-talba saret, minkejja li l-konvenut ma kellux loan account mal-BOV, u ghalhekk it-talba ma gietx milqugha mill-Qorti tal-Magistrati u s-sentenza kkonfermata mill-Appell), waqt li fil-kaz in ezami, qieghed jintalab li l-konvenut jirrifondi s-somma li thallset mill-BOV lill-konvenut u dan kontra cekk li huwa pprezenta lill-bank. Ghalhekk bla tlaqliq jista' facilment jignhad li dan it-tielet element zgur li ma jirrizultax. Jigi wkoll rilevat ghal kull buon fini, li s-sentenza*

*li nghatat nhar is-7 ta' Frar 2012 fl-ismijiet premessi mill-Qorti ta' l-Appell, inghatat "b'rizerva si et quatenus, ghal kull dritt spettanti skont il-ligi tas-socjeta' attrici."*

*Din l-ewwel eccezzjoni qieghda tigi michuda.*

*Jispetta issa li l-Qorti tghaddi ghat-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut u cioe' l-Preskrizzjoni ai termini ta' l-***Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili** *li jirreferi ghall-preskrizzjoni kwinkwennali – u cioe' il-perijodu ta' hames snin minn meta tista' titressaq l-azzjoni, minkejja li dan il-perjodu jista' jigi interrot permezz ta' att gudizzjarju u dan kif jirrizulta mill-***Artikolu 228 tal-istess Kodici Civili***.*

*Illi minn ezami ta' l-atti jirrizulta li l-Bank attrici kienet ipprezentat ittra ufficcjali numru 4993/2007 nhar it-30 ta' Awwissu 2007 li giet notifikata lil Adrian Caruana nhar il-5 ta' Settembru 2007 (vide Dok B esebit a fol. 3 sa 5 tar-rikors Numru 357/2007) u ghalhekk it-terminu li originarjament kien beda jiddekorri nhar it-12 ta' Dicembru 2006 (Dok MV 5 meta giet migbura l-ewwel somma) kien gie interott permezz ta' din l-ittra ufficcjali. Jirrizulta ghalhekk li it-terminu tal-hames snin beda jiddekorri mill-gdid nhar it-30 ta' Awwissu 2007 meta giet prezentata l-ittra ufficcjali fir-Registru ta' din il-Qorti u l-hames snin kienu jiskadu nhar il-31 ta' Awwissu 2012. Minn ezami ta' l-atti processwali jirrizulta li l-kawza odjerna giet prezentata l-Qorti nhar it-28 ta' Mejju 2012 u ghalhekk entro il-perjodu ta' hames snin. Konsegwentment din it-tieni eccezzjoni qed tigi wkoll rigettata.*

*Dwar it-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut u cioe it-telfien tad-dritt ta' regress il-Qorti ghandha is-segwenti kummenti x'taghmel f'dan ir-rigward.*

*Jirrizulta li d-deposit li sar mill-konvenut fil-kont bankarju tieghu sar skond id-deposit slip esebita u mmarkata bhala Dok MV 2 u cioe; li dan kien qed jigi accettat bid-dritt ta' 'recourse'. Jinghad ukoll li dan sar sabiex il-Bank irriserva id-dritt ta' diskrezzjoni sabiex jipposponi l-'availability' tal-flejjes*

*sakemm ikun hemm 'final payments of uncleared effects' li jkunu gew akkreditati lill-kont tal-klijent f'dan il-kaz tal-konvenut f'kaz li ma jkunx hemm hlas..."*

*Il-ftehim li jorbot lill-partijiet huwa dak li jirrizulta mid-dokument MV 2 gja imsemmi aktar 'l fuq u ser jigi raportat mill-gid hawnhekk u cioe':- "Customers are advised that cheques/drafts are accepted with recourse. The bank reserves the right at the discretion to postpone availability of fund pending final payment of uncleared effects which have been credited to the account and to claim refund or debit account (without loss of exchange where applicable) in the event of non payment or loss in transit of the cheques/drafts accepted. For cash withdrawals, customer's signature appearing hereon signifies authority to debit the relative account and receipt of cheque"*

*Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Civili Inferjuri tat-28 ta' Jannar 1999 fl-ismijiet '**Frendo vs Caruana'** jinghad li huwa principju ta' dritt li meta ftehim jigi redatt bil-miktub, il-kontenut ta' l-istess ftehim ghandu johrog mill-istess kitba, inattez id-diskussjonijiet u kif dawn zvolgew. Hu prezunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, ikun gie mnizzel fil-kitba, u dak li jkun diskuss izda ma jirrizultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li gie rinunzjat. Ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta tat-22 ta' Gunju 2004, fl-ismijiet '**Simpson vs Saliba'.** Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kummercjali fl-ismijiet '**Albert Brincat vs Anthony Saliba**', deciza fl-14 ta' Novembru 1983, jinghad li jistghu jigu prodotti provi orali biex jigu elucidati punti oskuri ta' kitba, jew ghall-impunjazzjoni ta' kitba: izda l-provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga' car – ara Artikolu 1002 tal-Kap 16. Ukoll min jallega fatt ghandu l-piz ta' prova fuq spallejh – '**Gustav Ricci vs Harry Latzen'** deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Frar, 1965.*

*Dan il-ftehim jikkostitiwixxi dak maghruf bhala 'pacta sunt servanda' u ghalhekk jorbot liz-zewg partijiet. Pero' skond Martin Vella li xehed permezz ta' affidavit immarkat bhala Dok BOV 1 inghad li "Hija prattika tal-BOV li cekkijiet migbudin fuq banek esteri jigu depositati fil-kont tal-klijenti u li l-valur ta' dawn ic-cekkijiet jigi mizmum ghal perijodu ta' tletin gurnata. Ghal dan id-*

*depozitu is-sur Caruana inghata ricevuta li fiha hemm car li l-valur tac-cekk ha jkun ghad-deposizjoni tieghu wara 30 gurnata'."  Dan ix-xhud ikompli jghid li fuq din l-istess ricevuta Dok MV2 hemm ukoll miftiehem bejn il-partijiet u cioe' l-Bank u l-konvenut illi l-Bank kien qed jaccetta id-deposit ta' Lm3,768.23 'with recourse' sabiex b'hekk f'kaz li ghal xi raguni ic-cekk jigi ritornat lill-BOV, il-Bank jirriserva d-dritt li jaddebita l-kont tal-klijent jew li jitlob refuzjoni kif qed jitlob f'dan il-kaz.*

*Issa f'dan il-kaz jirrizulta li l-Bank attrici kienet baghtet nhar is-6 ta' Novembru 2006 ic-cekk tas-sur Caruana lil Lloyds Bank London sabiex dan jigi cleared mad-Drawee Bank li f'dan il-kaz kien Ulster Bank ghan-nom tal-BOV.  Pero' il-Lloyds Bank dam ma jinforma lill-Bank attrici li dan ic-cheque ma kienx ser jigi cleared u fil-fatt kien biss fit-22 ta' Dicembru 2006 li l-Bank attici saret taf dwar dan is-'suspected fraud' fic-cheque barrani. Interessanti pero' jigi rilevat li l-flejjes li gew irtirati mill-konvenut gew irtirati fi tlett okkazjonijiet u cioe' skond Dok MV 5 - zewg withdrawals saru  fit-12 ta' Dicembru 2006 fl-ammont globali ta' Lm 2,550.16 ekwivalenti ghal hamest elef, disa' mija u erbghin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€5940.27) u ammont iehor skond Dok MV 6 fl-ammont ta' Lm40 ekwivalenti ghal tlieta u disghin ewro u sbatax-il centezmu (€93.17) nhar it-28 ta' Dicembru 2006 wara li l-Bank kien sar jaf li c-cheque li kien iddepozita l-konvenut ma kienx gie imsarraf ghaliex kien hemm "suspected fraud".*

*Bl-akbar umilta` qed jigi sottomess li huwa l-kompitu tal-Bank li jivverifika u jsegwi l-proceduri kollha necessarji sabiex jassigura ruhu li kwalunkwe cheque li jigi cleared ikun fattwalment jista' jigi jissarraf.  Ghas-sahha ta' l-argument jigi rilevat li li kieku din l-Onorabbli Qorti kellha tinterpreta din il-klawsola bil-mod li qieghed jinterpretha l-Bank konvenut, allura jkollna naslu f'sitwazzjoni fejn minflok li jkun l-istess Bank li jerfa' r-responsabbilita` ghal kull zball, kull nuqqas ta' osservanza ta' prattici bankarji tajba u kull nuqqas ta' professjonalita` da parti tieghu, ikun il-klijent tieghu stess li jigi pregudikat.*

*Illi bla dubbju ta' xejn l-konvenut agixxa in buona fede meta mar jigbed il-flus mill-kont tieghu mill-Bank u dan ghaliex ghamel hekk wara li kien halla t-tletin*

*jum jghaddu, liema perijodu ta' zmien kien gie ffissat mill-Bank stess kif del resto anke kkonferma il-Manager Martin Vella. Jirrizulta wkoll li effettivament qabel ma l-konvenut kien irtira il-flus mill-kont tieghu kien staqsa jekk il-flejjes tieghu kienux gew cleared u kien gie mgharraf fil-pozittiv. Jidher li fil-fatt f'dan il-kaz, hija il-Bank li hija responsabbli ghal dawn id-danni li allegatament sofriet hi minhabba n-negligenza taghha stess. Bizzejjed jinghad li l-Bank awtorizzat payment anke sahansitra wara li kienet giet infurmata li l-allegat cheque ma kienx gie cleared minhabba 'suspected fraud'.*

*M'hemmx dubbju li l-ftehim bejn il-kontendenti kien dak regolat bid-dokument esebit u mmarkat bhala Dok MV 2 liema ftehim jikkonsisti f'pacta sunt servanda ('***<u>Salvu Fenech vs Malta Dairy Products</u>'***, Prim'Awla, 30 ta' Ottubru 2003), u li a bazi ta' l-***Artikolu 1002 tal-Kapitolu 16:***

*"Meta l-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni".*

*Meta jkun hemm skrittura iffirmata minn parti, hu prezunt li hu accetta dak kollu li jkun regolat fl-iskrittura, u jridu jirrizultaw provi cari u konkludenti biex jigi skartat dak li kien hemm miktub ('***<u>Joseph Mamo vs Joseph Grech et</u>'***, Prim'Awla, 3 ta' Ottubru 2002).*

*Il-Qorti tirreferi ghall-kawza citata mill-attur stess fl-ismijiet '***<u>PMark Ltd. vs Lombard Bank Malta p.l.c.</u>'*** tal-Prim'Awla tal-*Qorti Civili, *deciza fit-18 ta' Frar 2005, fejn il-fatti tal-kaz kienu simili hafna ghall-kaz odjern, u fejn gie ritenut li :*

*"Il-Qorti tifhem illi r-relazzjoni tas-socjeta` attrici mal-Bank konvenut hija dik ta' beneficcjarju u girant ta' kambjala ma' giratarju. L-attrici iggirat ic-cheque – li hu forma ta' kambjala fejn it-trattarju huwa bank – lill-konvenut sabiex il-konvenut jiskontah favur taghha. Il-bank imbaghad iggira c-cheque favur il-korrispondent tieghu, u thallas minghandu, u l-korrispondent tal-Bank ipprezenta c-cheque ghall-hlas ghand il-Bank trattarju sabiex dan jiddebita l-*

*kont li kellu mieghu t-traent. Gara izda li c-cheque ma kienx tassew mahrug minn min kien jidher fuqu bhala traent, u ghalhekk il-bank trattarju ma setax jaddebitalu l-kont. Ghalhekk, dar kontra l-giranti tieghu, li kien il-korrispondent tal-Bank konvenut, il-korrispondent dar kontra l-giranti tieghu li kienet is-socjeta` attrici.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza '**<u>Woods vs Martins Bank Limited'</u>** [Robert J. Schwartz, Clifford W. Smith Jr., Derivatives Handbook, Risk Management and Control (1997)] fejn gie ddikjarat li Bank huwa "under a duty of care to a customer" kif ukoll li l-Bank "owes a duty to its customer to advise him with reasonable care and skill".*

*Illi b'dak li ghamel il-Bank u cioe' li ttenta jgieghel lill-konvenut jiehu loan sabiex jaghmel tajjeb ghall-izball taghha zgur ma issibx konfort quddiem din il-Qorti u cioe' li mhux biss kien negligenti fir-relazzjoni tieghu mal-konvenut meta, u cioe' li halla l-konvenut jirtira flus mill-kont tieghu anke meta kienet taf li c-cheque ma kienx gie cleared, izda xtaqet tghatti l-izball taghha billi l-konvenut jaghmel tajjeb ghal flejjes li kien irtira billi jidhol f'kuntratt iehor ta' loan sabiex jirrifondi lura l-flus li kien irtira minhabba zball tal-bank.*

*Ghalhekk fid-dawl tas-suespost, il-Qorti qieghda tilqa' din it-tielet eccezzjoni tal-konvenut.*

*Dwar ir-raba' eccezzjoni u cioe' li t-talba tal-Bank attrici hija wahda eccessiva jinghad li una volta din il-Qorti qieghda tilqa' it-tielet eccezzjoni tal-konvenut ma thossx li ghandha tidhol f'din ir-raba' eccezzjoni.*

***Ghaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li tichad l-ewwel, it-tieni u r-raba' eccezzjoni tal-konvenut, qieghda tilqa' it-tielet eccezzjoni tal-konvenut, b'dan illi qieghda tichad it-talba attrici sabiex il-Qorti tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-Bank attrici dik is-somma mitluba minnha fir-rikors promotur.***

***Bl-ispejjez ta' din il-kawza u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie prezentat kontestwalment ghandhom jigu sopportati mill-Bank attrici."***

Bl-appell minnha introdott fil-konfront tas-sentenza appellata l-Bank appellanti iressaq is-sewgenti aggravvji u dana limitatament sa fejn l-Ewwel Qorti ghaddiet biex laqghet it-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut appellat u abbazi ta'l-istess cahhdet it-talba attrici. Jilmenta illi:

1. ghalkemm l-Ewwel Qorti laqghet it-tielet eccezzjoni sollevata fis-sens illi il-Bank appellanti tilef il-jedd tieghu ta' rigress a tenur ta'l-artikoli 242 et. seq tal-Kodici tal-Kummerc, l-imsemmija disposizzjonijiet ma humiex ta' ostakolu ghall-ezercizzju tal-azzjoni attrici kif gie konkluz fid-decizjoni impunjata. L-artikolu 242 ma jinkludiex akkordju bejn il-possessur tac-cekk u cioe' il-bank appellanti u il-giranti li f'dan il-kaz huwa il-konvenut appellat u allura il-jedd ta' rigress favur il-bank appellanti ma jintilifx, iktar u iktar meta fil-ftehim gie akkordat illi l-bank bhala possessur tac-cekk kien qieghed izomm id-dritt tieghu ta' rigress (ara Dokument MV2).
2. subordinatament ghal dan meta il-valur tac-cekk gie iddepozitat fil-kont tal-konvenut appellat, il-konvenut baqa' skont il-ligi bankarja li tirregola ic-cekkijiet responsabbli versu il-Bank ghal hlas ta'l-imsemmi cekk, gjaldarba dan ic-cekk ma issarrafx u gie ritornat lill-bank.
3. illi l-Bank ghandu dritt illi jitlob ir-rifuzjoni tas-somma imhallsa lill-konvenut appellat gjaldarba l-isemmi cekk gie ritornat minhabba li dan gie negozjat bi frodi, u dan kemm skont il-ligi kambjarja li japplikaw ukoll ghac-cekkijiet kif ukoll skont il-principji generali tad-dritt – *pacta sunt servanda*.
4. Illi inoltre il-premessa illi l-Bank appellanti meta ighaddi il-flus ta' cekk li ikun gie iddepozitat lill-klijent, ikun qieghed jaghti xi forma ta' garanzija ma tohrog minn imkien fil-ligi. Il-garanzija tinghata mill-

persuna li tiggira ic-cekk u cioe' mill-konvenut li qieghed jaghti garanzija lill-Bank illi c-cekk huwa wiehed validu u li jista' jigi iprocessat ghall-pagament. Kwindi il-konvenut huwa obbligat jirrifondi il-flejjes mghoddija lilu.

5. Illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghal konkluzjoni illi l-Bank appellanti kien negligenti fl-agir tieghu u li ma ezercitax i*d-duty of care* u dan meta naqas milli jassigura ruhu illi c-cekk seta' jissarraf qabel ma ghadda il-flus lill-konvenut appellat. Illi semmai l-Bank appellanti lest li jerfa' ir-responsabbilita ghall-ahhar ammont ta' flus mghoddi lill-konvenut appellat fit-28 ta' Dicembru 2006 fl-ammont ta €93.17 u dana meta huwa kien diga irceva avviz fit-22 ta Dicembru illi c-cekk ma kienx issarraf. Madanakollu l-istess ma jistax jinghad ghal flejjes l-ohra li gew mghoddija lill-konvenut qabel din id-data.

Illi l-konvenut appellat ma intavola l-ebda risposta ghall-appell imressaq 'il quddiem mill-Bank appellanti, izda attenda ghas-seduta quddiem il-Qorti u ressaq is-sottomissjonijiet tieghu verbalment fejn sahaq illi jinsab diga deciz fis-sentenza fuq l-istess mertu moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta[1] illi huwa ma kienx kompartecipi fil-frodi allegat u lanqas ma gie sollevat fit-trattazzjoni ta' dan il-kaz il-principju legali tal-*fraus omnia corrumpit* li hija il-bazi ta' wahda mill-aggravvji sollevati. Illi inoltre gjaldarba il-Bank imblokka il-kont ghal tletin jum li fihom huwa ghandu d-dmir li jivverifika jekk ic-cekk huwiex ser jigi onorat, wara dan it-terminu huwa jitlef il-jedd ta rigress kif gustament deciz mill- Ewwel Qorti. Fuq kollox kien il-Bank li agixxa bi traskuragini meta baqa' jaghmel il-fondi disponibbli ghall-appellat ghalkemm kien diga gie avzat mill-bank esteru illi c-cekk kien ser jigi ritornat.

---

[1] Bank of Valletta plc vs Adrian Caruana App.Inf 07/02/2012

Illi in succint il-fatti li jemergu mill-atti probatorji jindikaw illi fit-3 ta' Novembru 2006 l-konvenut appellat kien ipprezenta ruhu fil-fergha tal-Bank appellanti gewwa Bir id- Deheb fejn talab biex jigi iddepozitat fil-kont kurrenti f'ismu cekk bin-numru 548054 fl-ammont at GBP 6000 (konvertit fil-liri maltin dak iz-zmien fl-ammont ta' Lm3768.23) migbud minn A. Hutchinson C Floor Wall Supplies Limited. Il-kont ghalhekk gie imblukkat ghal perijodu ta' tletin jum skond ir-regoli bankarji u dan sakemm tingieb il-*clearance* fuq l-istess mill-bank esteru minn fejn inhareg ic-cekk. Fit-22 ta' Dicembru il-Bank appellanti gie infurmat mill-bank esteru illi dan ic-cekk ma setax jissarraf minhabba li kien hemm xi suspett dwar frodi fuq l-istess. Meta l-Bank appellanti iddepozita ic-cekk imsemmi fil-kont tal-appellat, gie miftiehem kif indikat fuq ir-ricevuta moghtija lill-klijent illi l-Bank kien qed jirriserva id-dritt li jitlob ir-rifuzjoni tal-flus mghoddija lill-klijent kontra ic-cekk fl-eventwalita illi ghal xi raguni ic-cekk jigi ritornat lura lill-Bank. Gara illi hekk kif skada il-perijodu tat-tletin jum li fid-diskrezzjoni tal-Bank kien it-terminu li fihom il-flus gew mizmuma fil-kont tal-klijent pendenti il-verifki mehtiega, huwa pogga ghad-disposizzjoni tal-konvenut il-fondi, liema fondi gew fil-fatt irtirati minnu f'tlett transazzjonijiet tnejn fit-12 ta' Dicembru 2006 fl-ammont komplessiv ta' Lm2550.16 u ohra fit-28 ta' Dicembru 2006 fl-ammont ta' Lm40. Wara dan billi irrizulta illi c-cekk ma issarrafx il-Bank in forza ta' dak pattwit mal-klijent talab ir-rifuzjoni tal-flus mghoddija lill-konvenut, li minn naha tieghu baqa' jirrifjuta li jaghmel dan u ghalhekk inbdew dawn il-proceduri gudizzjarji.

Illi ma jidhirx illi hemm xi disputa bejn il-ko-litigandi dwar il-fattispecje tal-kaz kif esposti, izda il-perm tal-kontestazzjoni hija wahda purament ta natura legali dwar il-jedd tal-Bank appellanti illi jesigi ir-rifuzjoni tal-flejjes mghoddija lill-klijent meta wara jirrizulta illi c-cekk ma ikunx gie onorat.

Il-Bank intimat qieghed jistrieh fuq il-kliem imnizzel fuq id-*deposit slip* li jiffirma l-klijent u cioe': "***Customers are advised that <u>cheques/drafts are accepted with recourse</u>. The Bank reserves the right at its discretion to postpone availability of funds pending final payment of uncleared effects which have been credited to the account <u>and</u> to claim refund or debit account(without loss of exchange where applicable) in the event of non-payment or loss in transit of the cheques/drafts accepted.***" (sottolinjar tal-Qorti). Din il-kundizzjoni taghti il-jedd ta' rigress lill-Bank li favur tieghu jigi iggirat ic-cekk. Inoltre il-Bank jirriserva zewg drittijiet favur tieghu – l-ewwel jedd illi izomm il-flus iddepozitati milli jigu liberalment zbankati mill-klijent ghal perijodu ta' zmien fid-diskrezzjoni tieghu, sakemm jircevi *clearance* ghal l-ammont hemmhekk indikat **<u>u ukoll</u>** il-jedd illi jitolb ir-rifuzjoni ta' kwalsiasi ammont ta' flus li ikunu gew rilaxxjati fl-eventwalita illi ic-cekk ma jigix onorat.

Illi r-regoli ta' dritt li jiggvernaw f'dina it-transazzjoni kummercjali huma dawk li jirregolaw l-istitut tal-kambjali (billi gjaldarba saret il-girata, ic-cekk jitqies illi ghandu l-istess hajja bhal kambjala) u il-principji generali tad-dritt civili li isawwru l-massima legali tal-*pacta sunt servanda*.

Illi fil-ligi Maltija, ic-cekk huwa meqjus bhala titolu ta kreditu. Illi l-Professur Joseph A. Micallef ighid hekk:

**In certain cases credit instruments are made to circulate as documents containing 'abstract' rights, that is a right which derives from the document itself independently of the 'causa obligationis' or the original contract which had given rise to it. Consequently, the credit instrument is issued even though the original contract which gave rise to it is not mentioned in the body of the document consisting the credit instruments … Not all credit instruments possess this quality of giving rise to abstact rights but only those which are recognized by the law, either expressly or impliedly and such an attribute is implied in bills of exchange, promissory notes and cheques"**.

Ikompli hekk il-Professur Micallef

**"cheques are very similar in legal form to bills of exchange and, it will be seen, that many of the provisions relating to the latter are applicable to the former". ... Considered from the juridical point of view, cheques are very similar to bills of exchange. In fact, the Bills of Exchange Act, 1882, in Sec 73, defines the cheques as being 'a bill of exchange drawn on a banker payable on demand' and it prescribes further, that 'except as otherwise provided in this Part, the provisions of this Act, applicable to a bill of exchange payable on demand, apply to a cheque. Substantially, therefore, the juridical nature and character of a cheque or of a draft or cheque on bankers or cashiers, as our Code terms it, is very similar to that of a bill of exchange". (pg 346 – 347)"**

Affermati dawn il-principji gurisprudenzjali, allura mill-aspett tad-dritt kambjarju, gjaldarba l-konvenut appellat iggira ic-cekk favur il-Bank, kwindi huwa intrabat bl-obbligi imfissra fl-artikolu 140 tal-Kodici tal-Kummerc u cioe' illi "***il-ġirant iwieġeb lejn kull pussessur ta' wara għall-aċċettazzjoni u għall-ħlas tal-kambjala***." Kwindi gjaldarba ma saret l-ebda riserva minn naha tal-konvenut appellat fil-mument illi huwa iggira ic-cekk favur il-Bank appellanti kwindi huwa kien qieghed jaghti l-garanzija illi l-istess kien ser jigi onorat. Illi il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk f'kaz konsimili:

**"Ir-responsabbiltà hija tal-giranti lejn il-giratarju u mhux, kif tippretendi l-attrici, vice-versa. It-tisrif ta' kambjala ma jfissirx illi min ihallas qieghed jaghti garanzija lil min ircieva l-hlas; anzi, huwa min ircieva l-hlas li jaghti garanzija lil min hallas. L-attrici hija marbuta favur il-giratarji kollha ta' warajha, u tista' biss iddur kontra min hareg ic-cheque u l-giratarji ta' qabilha, jekk kien hemm. Meta l-bank konvenut gharraf lill-attrici illi c-cheque kien cleared, ma kienx qieghed ukoll jaghti garanzija tal-validità tieghu, ghax dik il-garanzija, skond il-ligi, tinghata minn min jircievi l-hlas, mhux minn min ihallas.[2]"**

Inghad fl-istess vena f'kawza ohra konsimili illi:

[2] PMark Limited vs Lombard Bank Malta p.l.c. – PA 18/02/2005

**"Il-fatt li l-bank accetta l-inkarigu, ha c-cheque u kkredita l-kont tas-socjeta` attrici bil-flus li jidhru fuq id-cheque, ma jfissirx li l-bank qed jiggarantixxi li l-flus huma issa tas-socjeta` attrici. Kif qalet il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza Camilleri v. Agius noe, deciza fil-11 ta' Dicembru, 1979, meta bank jaccetta cheque ta' haddiehor u jakkredita l-kont tal-kreditur, dan f'kull kaz ikun sar taht kundizzjoni li c-cheque jigi onorat mill-bank l-iehor, b'mod li jekk ma jigix hekk onorat, il-bank li lilu nghata c-cheque ikollu d-dritt jiehu lura l-flus u jiddebita l-kont tal-kreditur.[3]"**

Premess dan, huwa allura bil-wisq evidenti illi fil-mument illi l-konvenut appellat iggira ic-cekk favur il-Bank li ikkreditalu l-kont tieghu bl-ammont li kien jidher fuq l-imsemmi cekk, kien il-konvenut li kien qed jiggarantixxi l-validita tal-imsemmi titolu ta' kreditu favur il-Bank. Il-Bank appellanti ma kien bl-ebda mod qed joffri garanzija illi c-cekk kien ser jigi onorat mit-traent tieghu u li kien ser jaghmel tajjeb fl-eventwalita illi ghal xi raguni ma ikunux jistghu jinghataw il-fondi mill-bank trattarju esteru.

Dan iwassal ghal kundizzjoni pattwita fl-ircevuta li inghatat lill-konvenut appellat hekk kif huwa iffirma ic-cekk u iggirrah favur il-Bank, illi l-Bank kien qed jaccetta li ighaddi l-fondi lill-konvenut appellat u cioe' lill-giranti bir-riserva illi jekk ic-cekk ma jigiex onorat ikollu jedd ta rigress fil-konfront tieghu. Dana il-jedd ta' rigress huwa statutorjament imhares fid-disposizzjoni ta'l-artikoli 234 et. seq. tal-Kodici tal-Kummerc. Illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata, izda, sahhqet illi l-Bank appellanti, kien tilef dan il-jedd ta rigress meta skont il-prassi bankarja ghaddew it-tletin jum minn meta ic-cekk gie iggirat u il-Bank irrilaxxja il-fondi favur il-konvenut appellat. Meta sehh dan, fil-fehma ta'l-Ewwel Qorti, il-Bank kien qieghed jirrinunzja ghal dan il-jedd ta' rigress kif miftiehem bejn il-partijiet u kif dispost fil-ligi kambjarja. Illi mill-atti probatorji jirrizulta, kif *del resto* affermat fid-decizjoni impunjata, illi l-

[3] Maresco Trading Limited vs HSBC Bank Malta plc – deciza 31/10/2014 App Sup

Lloyds Bank, li huwa il-korrispondent esteru tal-Bank appellanti dam biex infurmah illi l-bank trattarju u cioe' l-Ulster Bank ma kienx onora dan ic-cekk minhabba suspett ta' frodi, u kien biss fit-22 ta' Dicembru 2006, il fuq mit-tletin jum fejn il-fondi jinzammu ibblukkati fil-kont tal-klijent mill-bank, illi l-Bank appellanti irceva din l-ahbar. Sa dan iz-zmien il-maggjor parti tal-fondi kienu diga gew rilaxxjati favur il-konvenut appellat. L-Ewwel Qorti allura kienet tal-fehma illi kien il-Bank appellanti li kellu jerfa' ir-responsabbilta ghal dan in-nuqqas minn naha tieghu u ma kellux jigi penalizzat l-konvenut appellat li kien qed jagixxi in bwona fede. Sahhqet ghalhekk illi l-Bank appellanti kellu jitqies responsabbli ghad-danni fil-konfront tal-konvenut appellat biex b'hekk dik il-Qorti giet li harrget mill-ambitu tar-responsabbilta kontrattwali u sabet r-responsabbilta delittwali jew kwazi-delittwali fil-Bank.

Illi din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dina l-fehma u dan ghas-segwenti ragunijiet. Ibda biex, kif diga gie puntwalizzat skont il-principji legali li isawwru l-istitut tal-kambjali applikati f'dan il-kaz ghal cekk iggirrat, il-Bank ma kellu l-ebda obbligu jaghti garanzija lill-konvenut u cioe' lill-giranti illi ic-cekk kien ser jigi onorat. Illi di piu' mal-mument illi saret il-girata tac-cekk favur il-Bank u il-Bank ghamel il-fondi disponibbli ghall-konvenut appellat, bir-riserva li dawn ma jistghux ikunu jistghu jigu liberalment zbankati jew utilizzati minnu qabel ma ighaddu tletin jum, huwa zamm favur tieghu il-jedd ta' rigress kontra l-konvenut fil-kaz illi dan ic-cekk ma jigix onorat u dana minghajr ebda riserva ta' zmien. Dan johrog car mid-dicitura tal-kundizzjoni indikata fuq ir-ricevuta mghoddija lill-klijent u iffirmata minnu, kif iktar 'il fuq spjegat. Inoltre ma jirrizultax illi l-Bank dahal f'xi akkordju volontarju mal-giranti u cioe' mal-konvenut li huwa jitlef dan il-jedd ta' rigress u jidher mid-dicitura ta'l-artikolu 242 tal-Kodici tal-Kummerc illi tali akkordju bejn possessur ta' dan it-titolu ta' kreditu u giranti qatt ma jista' iwassal ghat-telfien tal-jedd ta'l-istess possessur illi idur kontra il-giranti tieghu.

Minn dan kollu ghalhekk ma jirrizultax illi l-Bank naqas minn xi obbligu kontrattwali li huwa assuma fil-konfront tal-konvenut. Lanqas ma jista' jinghad illi huwa responsabbli ghal danni fil-konfront tal-konvenut meta huwa agixxa dejjem in bwona fede. Illi l-fatt illi c-cekk ma giex onorat billi kien hemm suspett ta' frodi, ma kellux jahti ghalih l-Bank appellanti u lanqas illi il-verifiki mill-bank korrispondent tieghu esteru hadu iz-zmien biex saru u lahaq ghadda t-tletin jum li fihom il-Bank bhala *safety valve* ma jirrilaxxjax l-ammont indikat fic-cekk. Illi fis-sentenza hawn fuq iccitata moghtija minn din il-Qorti kif kolleggjalment komposta ikompli jinghad hekk :

**"Il-ftehim bil-miktub li sar mal-ghoti tac-cheque lill-bank kien fis-sens li "the bank reserves the right to claim refund and/or debit their account in respect of affects which are unpaid or lost in transit". Is-Sur Galea accetta li jiddepozita c-cheque b'din ir-rizerva, u ma jistax jinghad li jirrizulta b'mod car u konklussiv li dan il-ftehim bil-miktub gie superat."**

Hawnhekk irid jinghad li kif gie rilevat fis-sentenza Edrichton Estates Limited vs Emanuel Vella et.[4] illi "*hija regola fundamentali tal-ligi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u li jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha tali obbligazzjoni*." (Joseph Francis Depares noe vs John O'Dea noe – App. 25 ta' Gunju 1996)".

Illi l-Bank appellanti kien qed jagixxi in bwona fede meta accetta li jaghmel il-fondi disponibbli lill-konvenut appellat, injar ghal kollox mill-fatt illi it-transazzjoni originali li abbazi tieghu gie mahrug l-imsemmi cekk kien imsejjes fuq l-ingann. Illi l-Bank appellanti kien negligenti biss meta ghadda l-ahhar ammont lill-konvenut appellat ta Lm40 ekwivalenti ghal €93.17,  u dana meta diga kien gie imwissi illi ic-cekk ma kienx ser jigi onorat u huwa biss ghal dan

[4] 1201/98/RCP deciza fis-26/4/01

l-ammont illi l-Bank ghandu jerfa' ir-responsabbilta tieghu. Inoltre billi l-ammont ta' Lm1181.54 li kien ghadu iddepozitat fil-kont tal-konvenut u li hu ma kienx ghadu zbanka, gie mizmum mill-Bank, il-Qorti ma tarax illi l-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas imghaxijiet fuq dana l-ammont.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost, tirrevoka s-sentenza appellata u tikkundanna lill-konvenut appellat ihallas lill-Bank appellanti is-somma ta' €8941.23. L-imghaxijiet legali ghandhom jibdew jiddekorru mit-03 ta' Novembru 2006 biss fuq l-ammont ta' €6188.24 sal pagament effettiv. Ghal bilanc ta' €2752.99 l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mil-lum.

L-ispejjez kollha kemm dawk ta'l-Ewwel Qorti kif ukoll dawk tal-prezenti appell ghandhom jigu sopportati mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------